**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**

**TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI**

**ĦAL LIJA**

**TEL NO : 21416101 FAX : 21416941**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 14

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 19 ta' Mejju 2020

Minħabba ċ-ċirkustanzi preżenti ta' COVID-19, il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' onlajn fl-4.00 ta' wara nofsinhar b'permezz ta' *Microsoft teams*. Din il-laqgħa saret onlajn in-regola ma' Direttiva 2/2020.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Daniel Mallia– Viċi Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Borg – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

14.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 13

14.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tlettax il-laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

14.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti.

14.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Kunsillier Calcedonio Cini, il-minuti ġew approvati unanimament. Naturalment peress li l-laqgħa saret onlajn dawn il-minuti ma setgħux jiġu ffirmati mill-ewwel waqt li qed issir is-seduta. Kif ittaffi s-sitwazzjoni preżenti ta' COVID-19, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jieħdu ħsieb jiffirmaw il-minuti.

## 14.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.3.1 Is-Sindku rringrazzja lil ELC tal-ixtieli li huma taw biex jissebbaħ l-ambjent tal-ġnien ċentru rikreattiv. L-ELC taw lil kunsill varjeta ta' xtieli b'xejn u l-kunsill mhu dovut jagħti l-ebda ħlas lura ta' dawn l-ixtieli ħlief forsi jħallas tat-trasportazzjoni biex dawn inġiebu fir-raħal.

14.3.2 Is-Sindku kompla jirringrazzja lil ħaddiema tal-kunsill tal-manutenzzjoni ta' tikħil u żebgħa li qed jagħmlu fil-ġnien ċentru Rikreattiv u tal-ħidma li huma qed jagħtu minn naħa tagħhom biex dan il-ġnien ikompli jieħu aktar ir-ruħ.

14.4.3 Rigward il-ġnien ċentru rikreattiv ukoll, is-sindku qal li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv qed jaħdmu biex biex tiġi mplementata sistema ta' irrigazzjoni tajba bil-fondi allokati mill-Gvern Ċentrali u ser tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet fuq l-epps, peress li l-istimi li għandu l-kunsill għal din is-sistema kollha ġew estimati aktar minn ħames t'elef. Apparti dan is-Sindku spjega kif huwa qed jistinka wkoll biex idawwal parti minn dan il-ġnien li bħalissa tinsab daqsxejn mudlama ħalli jitnaqsu ċertu abbużi li huma kurrenti bħalissa.

14.4.4 Is-Sur Dalli qasam mal-kunsilliera idea ta' proġett żgħir li huwa jixtieq iwettaq kemm fil-ġnien Rikreattiv u kif ukoll fil-ġnien tal-Mirakli li jista jsir b'għajnuna ta' fondi mir-Reġjun Ċentru tal-LES surplus. Huwa għandu xewqa li f'parti miż-żewġ ġonna jkun hemm akwata bi *outdoor gym equipment*. Is-Sindku sostna kif fil-jiem li ġejjien huwa flimkien mal-preżenza tal-viċi sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, ser ikun qed jikkonsulta anke ma' Sports Malta dwar il-possibilta li f'dawn il-ġonna jkun hemm hemm *outdoor gym equipment*. Is-Sur Cini qabel ħafna ma' din il-proposta.

14.4.5 Is-Sindku kompla jitkellem umbgħad fuq il-ġnien tal-Mirakli u l-bżonnijiet ta' manutenzjoni li hemm bżonn isiru ukoll f'dan il-ġnien. Huwa qal li l-istat ta' dan il-ġnien jista jitjieb u enfasizza kif hemm bżonn jinbidel b'mod speċjali d-dawl ta' ġo fih li jixgħel bis-*solar* għax mhux jaħdem sewwa, flimkien mat-tibdil tat-tapit tal-art.

14.4.6 Is-Sur Dalli tkellem fuq ix-xogħol ta' *re-surfacing* tat-toroq li qed isir minn IM fi Triq Sir Ugo Mifsud u Triq Annibale Preca. Huwa qal li dan mixi bilmod wisq u dan jidher ċar mit-tgergir tar-residenti u l-ilmenti li qed jirċievi l-kunsill ta' kuljum. L-amministrazzjoni kuljum qed tgħaddi dawn l-ilmenti lil Periti nkarigati mix-xogħlijiet biex ttieħed l-azzjoni meħtieġa b'mod immedjat. Is-Sindku qal li nfatti l-bieraħ stess sar *site meeting* fuq il-progress tax-xogħlijiet li qed jsiru fiż-żewġ toroq u huwa kienet preżenti.

14.4.7 Is-Sindku nforma lil kunsilliera li hemm korrispondenza bejn il-kunsill u Transport Malta biex Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela ssir *one-way* b'mod immedjat (tidħol minn Triq Pantar u toħroġ minn Triq il-Kunċizzjoni) għaliex TM qed tgħid li din it-triq saret ta' periklu bit-traffiku li għaddej minnha. Is-Sur Dalli spjega kif dan il-punt ser ikun diskuss aktar tard fil-laqgħa u saħaq li huwa bħala sindku tar-raħal għamel enfażi ma' Transport Malta biex qabel ma tiġi mplementata sistema ta' *one-way* irid jiġi kkonsultat il-kunsill għax dik it-trejqa taqa taħt ir-responsabbilta tiegħu. Is-sindku qal kif Transport Malta trid tinstalla din il-*one-way* b'saħħa u ħila u għalhekk sa għada l-kunsill għandu

jagħti l-*feedback* tiegħu dwar dan il-każ. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia assolutament ma taqbilx ma' din il-biċċa tax-xogħol u qed tiproponi li jsiru *traffic lights* u anke qalet li biex forsi tissolva l-problema tat-traffiku tista ssir devoluzzjoni tat-triq. Il-Kunsill fil-passat kien għamel din it-talba ma' TM biex tittieħed parti mill-għelieqi ħalli titwessa t-triq pero risposta ċara lura ma kienx hemm. Is-Sur Zahra qal li jistgħu anke jsiru *sleeping policemen* u s-sindku qal li l-kunsill applika bosta drabi diġa għal dawn pero TM qatt ma laqgħat dawn l-applikazzjonijiet biex it-triq issir *cycle lane*. Is-Sindku reġa avża kif din id-diskussjoni għandha titkompla fi sezzjoni 14.9 tal-laqgħa u mhux issa.

14.4.8 Is-Sindku nforma li l-amministrazzjoni addottat sistemi tajbin u bilgħaqal ħafna nkonnessjoni mal-pandemija ta' Covid-19 bla ma' ġew affetwati ċertu servizzi li jingħataw lin-nies. Dan kollu in-regola mad-direttivi li qed jinħarġu bħala linji gwida kemm mid-dipartiment tas-saħħa u anke mid-dipartiment tal-gvern lokali. Sakemm ma jkun hemm direttivi oħra l-amministrazzjoni ser tkompli topera bis-sistema li hija addottat u jekk ikun hemm bżonn ta' xi tibdil huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ser jieħdu l-azzjoni meħtieġa umbgħad jerġgħu jinfurmaw lil kunsill kollu b'dak li jkun inbidel. Eżempju ta' dan hija l-kwistjoni ta' jekk il-kunsill għandux jerġa jiftaħ il-latrini pubbliċi jew le peress li dan l-aħħar tħabbar li ser jergġħu jibdew jiftħu aktar stabbilimenti, fosthom restoranti.

## 14.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

14.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera kien hemm waħda bil-miktub mingħand il-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-mistoqsija tas-sur Cini kienet indirizzata lis-sindku fejn huwa saqsa jekk il-kunsill kienx irċieva xi risposta mingħand l-Assoċjazzjoni tal-kunsilli Lokali dwar l-inizjattiva ta' l-installar ta' gaġeġ li hija kellha ħsieb twettaq biex tgħin lil kunsilli minħabba l-ħmieġ tal-ħamiem fil-lokalitajiet tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat din ir-risposta fid-dettal.

14.4.2 Is-sindku wieġeb fejn qal li s-Segretarju Eżekuttiv ġabet l-informazzjoni neċessarja dwar din il-mistoqsija u rriżulta li l-Assoċjazzjoni kienet kontinwament għaddejja f'diskussjonijiet mal-Ministeru ikkonċernat, pero ġara li meta inbidel il-Ministru dawn id-diskussjonijiet kellhom jerġgħu jibdew mill-ġdid. Għalhekk l-AKL kellha riċentament laqgħat mal-Onor. Anton Refalo u saħansitra għamlet talba għall-finanzjament ta' dan il-proġett. Din it-talba ġiet sottomessa fil-ġimgħat li għaddew u l-AKL qed tistenna risposta mill-Ministeru.

14.4.3 Is-sindku kompla jgħid li l-AKL infurmat lil Kunsill li jekk jixtieq li din il-problema forsi tirrisolva ruħha mod ieħor sakemm l-AKL ikollha risposta mill-Ministeru, il-kunsill jista sadanittant jagħmel kuntatt mas-Sinjur Arnold, li huwa persuna li joffri dan is-servizz ta' installar ta' gaġeġ.

14.4.4 Filfatt is-sindku qal li huwa kien pro attiv u ċempel lis-sur Arnold dwar din il-problema tal-ħamiem li hawn ġewwa ir-raħal. Is-Sur Arnold qal lis-sindku li huwa lest jiġi jagħmel spezzjoni fir-raħal ħalli jiddetermina x'inhi l-gravita ta' din il-problema u jagħti parir lil kunsill ta' x'jista jsir. Is-Sindku pero qal li biex jiġi *on-site*, is-Sur Arnold ser jiċċarġja lil kunsill €25 u fl-opinjoni tiegħu din hija spiża vera minima u tal-parir li s-*site visit* issir forsi veru tinstab soluzzjoni għal problema tal-ħamiem darba għal dejjem. Hawnhekk is-sindku ppropona li għal kull spiża li ssir b'relazzjoni mal-ħmieġ tal-ħamiem għandha tiġi mgħoddija lil AKL forsi l-kunsill jieħu finanzjament lura.

14.4.5 Il-Kunsill unanimament approva li s-Sur Arnold jiġi mitlub biex jagħmel *site visit* u jagħti parir lil kunsill. Is-Sindku ser jerġa jagħmel kuntatt mas-sur Arnold.

14.4.6 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia staqsiet lis-sindku jekk is-Sur Arnold għandhux x'jaqsam mal-pest control. Hija staqsiet dan għaliex il-pest control għandu sistema tajba ta' kif jista jeqred il-problema tal-ħamiem darba għal dejjem u dan billi għandu qisha kimika forma ta' xemgħa li tintefa fuq iċ-cnut u tgerrex lil ħamiem biex dan ma jerġax jiġi.

14.4.7 Is-Sindku wieġeb lis-sinjorina Lorraine Farrugia fejn qal li l-aħjar il-kunsill joqgħod fuq il-parir tas-sur Arnold alissa biss u naraw l-ewwel x'għandu xi jgħid hu għax wara kollox dawk huma l-istruzzjonijiet li ġew mgħottija lil kunsill mingħand l-AKL. Il-kunsill għandi jimxi mad-direzzjoni li tat l-AKL.

## 14.5 Korrispondenza

14.5.1 Is-Sindku għamel rimarka fuq korrispondenza nru 0270/20 bl-isem 'WSC-project Lija Area'. Is-Sur Dalli spjega kif il-kunsill irċieva imejl mingħand WSC bi pjan li ser jinħareġ tender biex jinbidlu l-kanen u s-servizzi tal-main tal-ilma fi Triq tal-Mirakli, Triq N.Cottoner u fi Triq Ħal Bordi. WSC qed titlob għal permess mingħand l-kunsill u l-kunsill

staqsa jekk mhux ser jintmessu l-bankini. L-inġiniera ta' WSC ikkonfermat lis-sindku li kull fejn ser jintmessu l-bankina dawn ser jinbnew mill-ġdid.

14.5.2 Is-Sur Cini rid ikun jaf x'inhi korrispondenza nru 0275/20. Is-Sindku wieġeb li dik korrispondenza bejn Enemalta u l-kunsill fejn il-kunsill talab biex issir bozza ġdida fi Triq Carmelo Farrugia mal-ħajt. Din mhux possibli ssir għax meta l-*electrician* mur fuq il-post sab li m'hemmx wires għaddejjien mal-ħajt. Għalhekk l-*electrician* tal-kunsill qed jistenna biex jiġi kkuntatjat mill-inġinier tal-Enemalta ħalli jsir site meeting u tinstab alternattiva oħra dwar kif tista teħel din il-bozza.

14.5.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet tkun taf fuq xix titratta korrispondenza nru 0274/20. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmata li dik hija korrispondenza bejn il-kunsill u Meusac dwar is-sottomessjoni tal-applikazzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ taħt miżura 4.4 u biex tkompli twieġeb il-mistoqsija tas-Sinjorina Farrugia hija kkonfermat ukoll li ma kien hemm l-ebda tibdil dwar din l-applikazzjoni mill-aħħar darba li l-kunsill kien ġie nfurmat li s-sottomessjoni ta' din l-applikazzjoni ġiet iffinalizzatha.

14.5.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia riedet tkun taf x'inhi korrispondenza nru 0286/20. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li dik kienet korrispondenza fejn id-dipartiment tal-gvern staqsa lil kunsilli lokali x'tip ta' proġetti faslu riċentament inkonnessjoni mat-titjib tal-ambjent urban fir-raħal. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li eżempju minnhom li hija tat huwa t-tibdil tal-bozoz LEDs li qed jinbidlu fir-raħal.

14.5.5 Is-Sindku rrimarka li korrispondenza nru 0304/20 titratta fuq imejl b'rapport li ntbgħat mill-gvern lokali fejn il-*performance* tal-kunsill ġiet assesjatha fuq bażi ta' ħames *indicators*. Il-Kunsill ġie mitlub iwieġeb għal *findings* ta' dan ir-rapport u huwa qal li s-Segretarju Eżekuttiv b'konsultazzjoni tiegħu wieġbet tajjeb ħafna għal dan ir-rapport u min ikun irrid jista jitlob kopja tiegħu biex jaqraw.

14.5.6 Is-Sur Cini għamel domanda fuq korrispondenza nru 0310/20 u s-sindku wieġeb li l-kunsill bgħat imejl lil IM għax fi Triq Karlu Darmanin diġa hemm ħofra fil-bankina li kienet saret mill-kuntrattur riċenti ta' IM meta t-triq ingħatat wiċċ ġdid. Il-Kunsill talab lil IM biex jagħmel manutenzzjoni ta' din il-ħofra.

## 14.6 Preparazzjonijiet għall-Jum Ħal Lija

14.6.1 Is-Sur Dalli tkellem fuq Jum Ħal Lija fejn qal li dan suppost jiġi ċċelebrat fis- 6 ta' Lulju u għalhekk ikun ferm għaqli jekk il-kunsill jibda jippjana minn qabel għal dan l-avveniment. Huwa qal li sas-6 ta' Lulju wieħed ma jistax jiddetermina x'ser jiġri minħabba l-pandemija ta' COVID-19 pero xorta tajjeb li wieħed jiprepara u anke jkun hemm qbil ta' kif ser jingħata l-premju ta' Ġieħ Ħal Lija.

14.6.2 Huwa qal li l-amministrazzjoni pprovdewlu linji gwida li l-kunsill dejjem mexa magħhom biex jagħżel dawk il-persuni fost l-innominati li jixirqilhom Ġieħ Ħal Lija. Is-Sindku qal li f'dawn il-linji gwida hemm set ta' kundizzjonijiet daqsxejn ikkumplikati u huwa tal-parir li għal din is-sena dawn il-kundizzjonijiet jibqgħu nseħħ pero għas-sena d-dieħla hemm bżonn li jinbidlu u ma jkunux daqshekk restritti.

14.6.3 Is-Sindku staqsa jekk hemmx qbil li jitella avviż żgħir fuq il-paġna ta' FB tal-kunsill li jgħid li fis-6 ta' Lulju jekk il-pandemija ta' COVID-19 tippermetti, ser jiġi ċċelebrat Jum Ħal Lija u kull min jixtieq jinnomina lil xi ħadd għall-premju ta' Ġieħ Ħal Lija għandu jagħmel dan billi jibgħat imejl jew ittra bil-posta l-uffiċju tal-kunsill sa mhux aktar tard minn nofs Ġunju qabel il-laqgħa tal-kunsill li jmiss biex b'hekk din id-diskussjoni titkompla dakinhar.

14.6.4 Il-Kunsill unanimament qabel li għandu jsir hekk.

## 14.7 Immaniġjar tat-Traffiku ġdid fi Triq Sir Ugo Mifsud

14.7.1 Fuq bażi ta' ftehiem u deċiżjoni li ttieħdet mill-kunsill fis-seduta preċendenti; li fi Triq Sir Ugo Mifsud tiġi nstallata sistema tat-traffiku *one-way* (dħul minn Triq in-Naxxar biss), is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill lista bil-*feedback* tar-residenti dwar din il-proposta. Hija qalet li kienet ġiet mibgħutha ttra lir-residenti biex jibgħatu l-ħsibijiet tagħhom dwar din il-proposta sat-30 ta' April 2020 u fl-ittra kien hemm miktub li jekk il-kunsill ma jirċievix risposti sad-data stipulata jkun qed iffiser li r-residenti jaqblu b'mod assolut ma' din il-proposta.

14.7.2 Is-Sinjorina Lorraina Farrugia ridet tkun taf għalfejn din l-ittra ma ġietx mibgħutha għall-approvazzjoni tal-kunsilliera qabel ma ngħatat lir-residenti. Hija qed tisħaq li kull avviż li jintbgħat lir-residenti għandu jintbgħat lil kunsill kollu. Is-Sindku qal li dan mhux il-każ u ma jistax jkun li kull avviż li jinbgħat lir-residenti joqgħod jintbgħat lil

kunsilliera speċjalment jekk l-avviż ma jkunx ta' natura mportanti. Huwa qal li l-kunsilliera kollha għandhom ikollhom fiduċja biżejjed fis-segretarju eżekuttiv u fl-amministrazzjoni li dawn kapaċi jikkumpilaw avviżi lir-residenti fuq dak li jkun ġie diskuss mill-kunsill fil-laqgħa. Is-Sindku qal li hu ma jsib l-ebda diffikulta li fil-futur fejn ikun verament neċessarju biss, kopja ta' dawn l-avviżi tintbgħat lil kunsilliera minn qabel.

14.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv kompliet bl-ispjegazzjoni fejn qalet li l-ftit feedback li l-kunsill irċieva kien fil-pożittiv u l-maġġoranza tar-residenti jaqblu mal-implementazzjoni ta' din il-*one-way*. Risposta waħda kien hemm fin-negattiv u s-sindku personalment kellem lil persuna li bgħatet din ir-risposta biex jara għalfejn ma taqbilx u rriżulta li ma taqbilx *business wise* biss.

14.7.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia xtaqet klarifika ta' kif qed tiġi proposta li ssir din il-*one-way* u s-sindku reġgħa spjega li kif ġie deċiż fis-seduta preċedenti din il-*one-way* qed tiġi proposta li ssir billi jkun hemm dħul minn Triq in-Naxxar biss b'talli mod li r-residenti tal-*housing estate* ma jkunux affetwati. Fuq bażi ta' din l-ispjegazzjoni s-sindku talab biex tittieħed mozzjoni fuq din il-proposta.

14.7.5 Il-Kunsill unanimament qabel li ssir din l-implementazzjoni tal-*one-way* fi Triq Sir Ugo Mifsud fuq proposta tal-Viċi Sindku Daniel Mallia li kien issekondat mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat bil-miktub din it-talba għall-approvazzjoni ta' TM.

## 14.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju finali għas-sena 2019

14.8.1 B'relazzjoni mal-*audit* li riċentament sar għas-sena 2019, is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill, ir-Rapport Finanzjarju finali għal din is-sena. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat b'permezz ta' imejl lis-sindku u lil kunsilliera.

14.8.2 Qabel ma ngħatat spjegazzjoni ta' dan ir-rapport, is-sindku qal li l-kunsill qed ibati bis-servizz li qed jiġi provdut tal-*accounts* kemm minn naħa tal-*accounting technician* u kif ukoll minn naħa tal-*accountant*. Dawn mhux qed jikko-operaw ma' xulxin fuq ix-xogħol, qed ikun hemm disgwiet bejniethom dwar il-metodi tal-*accounts* differenti li huma jużaw minn xulxin u mhux qed jikko-operaw mas-Segretarju Eżekuttiv biex jagħtuha dokumenti u rapporti li hija titlobhom fil-ħin. Riċenti kellu anke jintervjeni hu bħala sindku biex it-tnejn li huma jibdew jaħdmu id' fid, ħalli jiprovdu xogħol aktar tajjeb u effiċjenti, fuq bażi tal-istruzzjonijiet tas-segretarju eżekuttiv.Huwa qal li din is-sitwazzjoni ma tistax tibqa li hi u s-segretarju eżekuttiv ma tistax tibqa taħli aktar ħin tiġri warajhom it-tnejn biex jagħtu s-servizz kif suppost. Is-Sindku qal li ssa ser jerġa jlaqqahom flimkien biex tinsab soluzzjoni fl-interess ta' kulħadd u jekk is-sitwazzjoni ma teqlibx għal-aħjar huwa ser jikteb lid-dipartiment biex iwaqfilhom il-kuntratt b'mod immedjat.

14.8.3 Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv qalu li dan ir-rapport diġa kien ġie mgħoddi fi laqgħa preċedenti, pero dan ir-rapport kien għadu *unaudited* u mhux finali. Peress li l-awdituri rrakomandaw li jsiru xi aġġustamenti fuq l-*unaudited financial report* li kien bgħat l-kunsill, dan ir-rapport u l-kuntent kollu relatat miegħu għandu jerġa jiġi approvat bl-aġġustamenti li naturalment saru mill-*accountant* u l-*accountating technican* tal-kunsill fuq bażi ta' x'ġie rrakomandat li għandu jkun aġġustat mill-awdituri. Din hija parti mill-proċedura tal-*audit* li ssir għal kull sena.

14.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-awdituri għandhom bżonn tmien kopji tar-rapport ffirmati flimkien ma' xi żewġ ittri oħra u appena dawn jiġu approvati f'seduta tal-kunsill għandhom jittieħdu fl-uffiċju ta' Mazars immedjatament ħalli b'hekk umbgħad l-istadju li jmiss ikun li tinħareġ il-*managementt letter* fejn il-kunsill irid iwieġeb għaliha.

14.8.5 Il-Kunsill unanimament approva r-rapport finanzjarju finali flimkien mal-ittri fuq proposta tal-Minority Leader Lorraine Farrugia li kienet issekondata mill-Viċi Sindku Daniel Mallia.

## 14.9 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

14.9.1.1 <u>Implementazzjoni ta' *one-way* -Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela</u>
Hawnhekk tkompliet id-diskussjoni dwar l-implementazzjoni ta' *one-way* li qed tiġi proposta li ssir minn TM fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat il-korrispondenza kollha relatata fid-dettal u dak il-ħin stess bgħatet kopja ta' din il-korrispondenza lil kunsilliera flimkien ma' *site plan* annessa ta' kif qed tiġi proposta li ssir din il-one-way (dħul minn naħa ta' fejn is-*showrooms* biss).

14.9.1.2 Wara li s-segretarju eżekuttiv qrat il-korrispondenza kollha s-sindku qal li huwa diġa ma jaqbilx mal-mod ta' kif qed tiġi proposta li ssir din il-*one-way* u huwa tal-parir li almenu din il-*one-way* issir mill-maqlub u minn fejn is-*showrooms* isir il-ħruġ u mhux id-dħul.

14.9.1.3 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ma taqbel ma' l-ebda mod ta' din il-*one-way* u fl-opinjoni tagħha r-risposta tal-kunsill għandha tkun li it-triq għandha tibqa kif inhi *two-way* għaliex kemm il-kunsill u kif ukoll il-pubbliku huma kontra din il-*one-way.* Is-Sindku sostna li b'dik ir-risposta l-kunsill ser jitlef id-dritt tad-deċiżjoni li huwa almenu għandu biex jagħżel f'liema direzzjoni l-aħjar li ssir din il-*one-way* għax b'mod jew ieħor TM ser tagħmilha xorta din il-*one-way* ser issir żgur.

14.9.1.4 Is-Sur Ċini jaqbel mal-argument li qajjem is-sindku u tajjeb li l-kunsill ma jitlifx id-dritt tad-deċiżjoni ħalli umbagħad aktar il-quddiem il-kunsill ikompli jiġġieled biex it-triq terġa tiġi *two-way* għax wara kollox suppost din jekk issir ser issir bi prova ta' tlett xhur.

14.9.1.5 Is-Sur Zahra tkellem fejn issuġerrixxa li l-kunsill għandu jerġa jisħaq ma' TM biex jekk filkas qabel tiġi implementatha sistema ta' *one-way* isiru *sleeping policemen* u t-triq tibqa *two-way*. Ma' dan il-punt is-Sinjorina Lorraine Farrugia żiedet ukoll li wieħed jista jissuġġerrixi li apparti t-twaħħil ta' *sleeping policemen* jitweħlu ukoll *traffic lights* bħal ma hemm fi rħula oħrajn li għandhom l-għelieqi bħal Għargħur. Hija għandha tibgħat ritratt ta' dawn il-*lights* biex il-kunsill jibgħathom għal referenza ta' TM u biex il-kunsill anke jsaħħaħ l-argument tiegħu billi jgħid li bħal ma ngħataw *traffic lights* fi lokalitajiet oħra hekk għandu jkun għall-lokalita ta' Ħal Lija ukoll.

14.9.1.6 Il-Kunsill unanimament qabel li l-kunsill għandu jinforma lil TM li jekk ser issir *one-way* fi Trejqet Kjeriku Ġakbu Abela din għandha ssir bil-maqlub ta' kif qed jiġi propost, jigifieri dħul minn naħa ta' triq il-Kunċizzjoni u mhux minn naħa ta' fejn Kinds, u għandha tiġi mplementatha bi tlett xhur prova. Għandhom anke jsiru xi *speeding humps* kif neċċessarju u anke sinjali tal-kilometri bi speed massimu ta' 20km/hr. Is-Segretarju Eżekuttiv ser tikteb lil TM.

14.9.2.1 <u>Installazzjoni ta' *No heavy vehicle signs* fl-entraturi kollha ta' Ħal Lija</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv fakret lil kunsilliera li fi seduti preċedenti kien ġie approvat li fl-entraturi kollha ta' Ħal Lija jsiru tabelli bil-kitba 'no heavy vehicles except for public transport or to render a service'. Hija kompliet tgħid li s-sindku dar ir-raħal u ħa nota tal-entraturi kollha li hemm fir-raħal u b'kollox qisu ser ikun hemm bżonn ta' sittax il-tabella.

14.9.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hija ġabet kwotazzjoni mingħand il-kuntrattur tat-tabelli u sinjali fejn dawn it-tabelli ġew estimati €80 il-waħda mingħajr VAT. Hija qalet li qed tressaq din l-ispiża għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-kunsill kollu.

14.9.2.3 Il-Kunsill unanimament approva li dawn it-tabelli huma ta' bżonn u jridu jsiru bil-mod. Is-Sindku hawnhekk qal ukoll biex jekk filkas il-kunsill qed jara li din l-ispiża ser tkun waħda kbira, il-kunsill dejjem jista jitlob lir-Reġjun Ċentru biex dawn it-tabelli jsiru mill-fondi tal-les surplus u kulħadd qabel dwar dan.

14.9.3.1 <u>Implementazzjoni ta' għaxar (10) fanali oħra LEDs bil-fondi tar-Reġjun Ċentru</u>
Is-Sindku tkellem fejn qal li l-kunsill għandu jkollu l-ħtieġa li jkompli jtejjeb l-ambjent tar-raħal bit-tibdil tal-fanali għal dawk LEDs. Huwa qed jissuġġerrixxi li l-kunsill għandu jinstalla madwar għaxar fanali oħra lejn nofs Ġunju u hu tal-parir li dawn jitweħlu kif ġej: (a) wieħed fuq iz-zuntier tal-knisja u jitneħħa *flood light*, (b) tnejn fi Triq Preziosi, (c) wieħed fi Triq Sant Andrija Sqaq nru 3, (d) tlieta jew erba fi Triq il-Forn Sqaq nru 3, (e) wieħed fi Triq il-Kunċizzjoni fl-isqaq li hemm fil-parti ta' fuq u (f) wieħed fi Triq Sant Andrija.

14.9.3.2 Il-Kunsill unanimament approva li għandu jsir dan.

14.9.3.3 Hawnhekk is-sinjorina Lorraine Farrugia qalet li fi laqgħa preċedenti hija kienet semmiet li fi Triq Annibale Preca Sqaq nru 2 hemm bozza antika ħafna li ma tixgħelx u tajjeb tinbidel għax hemm ħafna dlam kif tidħol fl-isqaq. Is-Sindku kkonferma dan u qal li din il-bozza ser tinbidel bil-mod ukoll u qiegħa fuq il-lista ta' xogħlijiet pendenti li approva l-kunsill.

14.9.4.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-lewwel rapport ta' kull kwart għal perjodu Jan- Mar 2020</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill l-ewwel rapport ta' kull kwart għal perjodu Jan – Mar 2020. Dan ir-rapport ġie kkumpilat mill-*accountant* u l-*accounting technican* tal-kunsill. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat b'imejl lis-sindku u l-kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dan huwa r-rapport li hija kellha ħsieb itellaw għall-approvazzjoni fis-seduta preċedenti pero kien għadu ma ġiex ikkumpilat mill-*accountant u l-accounting technican*.

14.9.4.2 Is-Sur Dalli qal li hemm xi affarijiet li ma jaqbilx magħhom f'dan ir-rapport u fl-opinjoni tiegħu ċertu *entries* kellhom jiddaħlu fi *accounts* differenti. Huwa diġa ġibed l-attenzjoni tal-*book keeper* u darba oħra nfatti ser jibdel xi *entries* u jibda jdaħħalhom fl-*accounts* indikati u kif huwa mixtieq mis-sindku. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv qraw dan ir-rapport fejn irrimarkaw li minn Jannar sa Marzu 2020, bħala dħul b'kollox kien hemm valur ta' €80,554. Il-Kunsill kellu nefqa totali ta' €90,847 u b'hekk irriżulta li kien hemm *deficit* żgħir ta' €10,293. Is-Sindku spjega kif qed jiġi rifless dan id-*deficit* minħabba li għadt hemm ħafna flus li l-kunsill ħareġ u għadu ma rċeviex *reimbursement* tagħhom bħal pereżempju l-flus inkonnessjoni mal-attivita taċ-ċitru u l-fondi ffinanzjati mill-aġenzija LESA ta' ħames fanali.

14.9.4.3 L-FSI għal dan il-perjodu huwa mmarkat 73% u dan huwa persentaġġ tajjeb ħafna. Fuq l-FSI l-kunsillier Cini għamel domanda fejn qal li dan ir-rapport qed jindika li li għall-aħħar tas-sena jinżel għal 61% u allura qed jsaqsi jekk minkejja dan il-kunsill xorta jibqax fi qagħda tajba. Is-Sindku kkonferma li iva l-kunsill xorta jkun għadu tajjeb.

14.9.4.4 Dan ir-rapport ġiet approvat unanimament fuq proposta tal-kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondata mis-Sindku Anthony Dalli. Dan ir-rapport għandu jittella fuq il-website tal-gvern lokali u kopja tiegħu tintbgħat anke lid-dipartiment bil-posta.

14.9.5.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-rapport finali tal-evalwazzjoni tat-*tender* tar-*rubble walls (second issue)*</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill, rapport ta' evalwazzjoni tat-tender tar-rubble walls. Kopja tar-rapport intbgħat lil kunsilliera qabel il-laqgħa. Hija spjegat li fir-rapport hemm mniżżel li kien hemm tmien (8) offerti b'kollox. Wara diversi klarfikazzjonijiet li saru mill-evalwaturi appuntati rriżulta li ħames offerti ma kienux *technically complaint* u dan għax il-*bidders* ma tefgħux ċertu dokumenti mitluba. Mill-komplament tat-tlett offerti li kien baqa complaint l-evalwaturi qed jirrakomandaw li din it-*tender* tiġi mgħottija lil E.C. Municipals li skond il-bord tal-evalwazzjoni hija l-aktar offerta kemm *technically* u *financially complaint*.

14.9.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet lil Kunsill jekk iridx jipproċedi biex japprova dan ir-rapport biex b'hekk il-kuntrattur ikun jista jiġi *awarded* dan il-kuntratt ta' xogħol malajr kemm jista jkun, dan naturalment jekk ma jkunx hemm appelli minn *bidders* oħra fiż-żmien t'għaxar tijiem. Il-kunsill unanimament approva li jsir dan u biex titkompla l-proċedura u jittella onlajn fuq is-sistema u jiġi *awarded* il-kuntratt kif suppost.

14.9.6.1 <u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' ħruġ ta' dokument finali tat-tender għal- xogħlijiet ta' *patching* u bankini</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv resqet fuq il-mejda d-dokument finali tat-tender relatat ma' *xogħlijiet ta' patching u bankini*. Hija fakret lil kunsilliera li fi seduta preċedenti s-sindku kellu xewqa li jiġi ppreparat dan it-tender fl-interess tar-raħal biex il-kunsill jkollu kuntrattur speċifiku inkarigat mix-xogħilijiet ta' patching u bankini. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kopja ta' dan it-tender kien ġiet mibgħut lil kunsilliera kollha b'permezz ta' imejl datata 28 ta' April 2020.

14.9.6.2 Il-Kunsill approva li jinħareġ dan it-*tender* u s-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat id-dokumenti kollha ta' dan it-*tender* għall-approvazjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Kif id-dokumenti jkunu approvati mingħand id-Dipartiment hija għandha ttellaw onlajn fuq is-sistema tal-EPPS fejn jidher għal xahar u l-kuntratturi nteressati jkollhom ċans jiftgħu l-offerta tagħhom kif mitlub.

14.9.7.1 <u>Kunsiderazzjoni tal-*opening report* għat-tender tas-servizz tal-ġbir ta' skart goff u ħatra tal-bord tal-evalwazzjoni</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill *opening report* tat-tender għas-servizz tal-ġbir ta' skart goff. Hija fakret lil kunsill li l-kuntratt eżistenti tas-servizz tal-ġbir ta' skart goff daqt jiskadi fl-aħħar ta' Ġunju u għalhekk kellha tinħareġ sejħa oħra ta' dan is-servizz. L-offerti għal din is-sejħa infetħu fit-18 ta' Mejju u b'kollox kien hemm tlett offerti. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat lis-sindku u lil kunsilliera qabel il-laqgħa.

14.9.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dawn it-tlett offerti issa jridu jiġu evalwati u xtaqet konferma mingħand is-sindku u l-kunsilliera jekk isibux oġġezzjoni li jiġu maħtura t-tlett evalwaturi li jinħatru s-soltu biex b'hekk tibda l-proċedura tal-evalwazzjoni għal dan it-tender.

14.9.7.3 Il-Kunsill unanimament approva u kkonferma li għandhom jinħatru l-istess tlett evalwaturi li ġew maħtura drabi oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tagħmel kuntatt ma' dawn l-evalwaturi u kif jkollha aktar informazzjoni dwar il-progressjoni tal-evalwazzjoni terġa tikkonsulta mal-kunsill.

14.9.8.1 <u>Installazzjoni ta' *removable bollards* f'diversi akwati fir-raħal</u>
Is-Sindku ressaq proposta li jiġu nstallati *removable bollards* fit-toroq kif ġej: (a) Triq Sir Ugo Mifsud kantuniera ma' Triq il-Forn, (b) Triq Sir Ugo Mifsud kantuniera ma' Triq is-Salvatur, (c) Triq Robert Mifsud Bonniċi kantuniera ma' Triq Ramiro Barbaro u (d) Triq Robert Mifsud Bonniċi kif taqbeż l-iskola viċin tas-*soft area*.

14.9.8.2 Is-Sindku u is-segretarju Eżekuttiv spjegaw kif il-*bollards* issuġġeriti fi punti (a) u (b) ser ikunu utli b'mod speċjali fiż-żmien il-festa u l-*bollards* issuġġeriti fi punti (c) u (d) ser ikunu ta' għajununa u jintużaw għall-għeluq tat-triq waqt il-ħinijiet tal-iskola. Huwa żied jgħid li dawn il-*bollards* ser ikunu ta' sigurta għal kulħadd.

14.9.8.3 Il-Kunsill unanimament approva li jsiru dawn il-*bollards u* għalhekk il-kunsill għandu jitlob għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

14.9.9.1 <u>Ilmejl mingħand resident b'talba biex il-kunsill jkollu *bye-law* tal-ħamiem inseħħ.</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għal kunsiderazzjoni tal-kunsill imejl mingħand resident, fejn dan ir-resident qed jitlob lil kunsill biex jimplementa *bye-law* dwar il-ħmieġ tal-ħamiem kif għandhom kunsilli lokali oħrajn. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-imejl ta' dan ir-resident aktar fid-dettal.

14.9.9.2 Il-Kunsill unanimament qabel li alissa ser jiprova jsib tarf tal-problema tal-ħmieġ tal-ħamiem bl-għajnuna tas-Sur Arnold fuq struzzjonijiet tal-AKL u għalhekk alissa mhux ser tinħareġ *bye-law.* Ir-residenti għandu jkun infurmat b'dan.

14.9.10.1 <u>Imejl mingħand resident fejn jixtieq ikun jaf jekk il-kunsill mhux ser ikun parti mill-inizjattiva ssuġġeritha mill-AKL fejn xi akwati fir-raħal ikunu *car free* u jsiru pedonali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda imejl mingħand resident li titratta dwar inizjattiva li qed taħdem fuqha l-AKL b'kollaborazjoni mal-kunsilli biex ċertu akwati fl-irħula jsiru pedonali u jkunu *car free*. Ir-Resident jixtieq ikun jaf jekk il-kunsill għandhux ħsieb ikun parti minn din l-inizjattiva.

14.9.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat lil kunsill kif riċentament L-AKL ħarġet bl-idea li fl-irħula jkun hemm aktar kilometri ta' spazji pubblici b'rotot ghall-mixi u ċiklizmu. L-għan ta' wara din l-inizjattiva huwa biex fil-lokalitajiet Malta l-mod tal-istil ta' ħajja jkun wieħed aktar sostenibbli u favur l-ambjent. L-AKL qed tisħaq li hija ħarġet b'din l-inizjattiva wara li Covid -19 ħalla toroq battala, b'ċentri urbani fi skiet mhux tas soltu, li pero ġabu magħhom titjib fil-kwalita' tal-arja u nuqqas ta' storbju eċċessiv. Ħafna nies riċentament qed jgawdi minn passiġati fi spazji aktar miftuħa u l-AKL bil-ko-operazzjoni tal-kunsilli tixtieq tkompli tgħin lil komunitajiet biex jgawdu minn dan l-aspett.

14.9.10.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-AKL qed taħdem fuq din l-inizjattiva flimkien ma' Transport Malta u l-Ministru għall-Kultura u l-Gvern Lokali. Kunsilli nteressati għandhom jiktbu lil AKL fejn jipproponu l-akwati urbani fir-raħal li jixtiequ li jingħataw lura għall-użu tar-residenti u jkunu miftuħa biss għall-mixi u ċ-ċikliżmu.

14.9.10.4 Is-Segretarju Eżekuttiv b'konsultazzjoni mas-Sindku diġa kitbet lil AKL fejn qalet li din l-inizjattiva hija waħda sabiħa pero f'raħal bħal Ħal Lija taf tħalli mpatt ekonomiku negattiv fuq il-ħwienet żgħir li hemm fir-raħal. Barra minn hekk l-AKL ġiet infurmata li l-kunsill diġa beda jaħdem fuq proġett żgħir u għandu xi pjanti li ġew ippreparati mill-Professur Maria Attard bi skopijiet li xi toroq minn Ħal Lija speċjalment fil-qalba tar-raħal xi darba jsiru pedonali.

14.9.10.5 Ma' dan is-sindku kompla jżied li l-president tal-AKL aktar il-quddiem għandu jibgħat linji gwida dwar kif ser ikun qed jiżvolġi dan il-proġett aktar il-quddiem. Huwa qal li ma jsibx oġġezzjoni jilqa dawn il-linji gwidi pero trid toqgħod attent fejn tagħlaq għax jekk tieħu l-pjazza bħala eżempju, kemm l-ispiżjara u kif ukoll l-grocer ser ibgħatu għax karozzi mhux ser ikunu jistgħu jitilgħu lejn il-pjazza u ser jonsqilhom il-bejgħ. Jekk wieħed jieħu eżempju ieħor bħal triq Sant Andrija diġa aħjar għax bl-għeluq ta' din it-triq ser tnaqqas ħafna traffiku minn ġo Ħal Lija li jinżel minn Ħ'Attard, pero xorta jaf jinħolqu xi kumplikazzjonijiet għar-residenti li jgħixu f'din it-triq.

14.9.10.6 Is-Sindku qal li f'raħal żgħir bħal Ħal Lija diffiċli tneħħi l-karozzi minn triq u titfaħhom ġo triq oħra u għalhekk huwa reġgħa sostna li l-aħjar il-kunsill jistenna l-linji gwida tal-AKL u naraw xi proposti ser joħorġu bihom l-esperti li ġew inkarigati mill-AKL biex jaħdmu fuq din l-inizjattiva. Sadanittant huwa qal li jekk hemm xi kunsilliera li għandhom xi ideat li jixtiequ jressqu għandhom jibgħatu bil-miktub lis-segretarju eżekuttiv.

14.9.11.1 Il-Kunsill approva dan.

14.9.12.1 <u>Talba għal *sleeping policemen* fi Triq San Liċinju</u>
Resident għamel kuntatt mas-sindku u ressaq talba biex tiġi nstallata *sleeping policeman* fi Triq San Liċinju minħabba *over speeding*. Ir-Resident saħaq mas-sindku li huwa ressaq din it-talba mal-kunsill preċedenti bosta

drabi pero din qatt ma ġiet approvatha u huwa qal li hemm verament bżonna qabel ma jerġa jsir xi aċċident kif diġa kien ġara fil-passat.

14.9.12.2 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li f'din it-triq hemm ħafna korrispondenza pero mhux mingħand dan is-sinjur imma mingħand resident ieħor u ġiet diskussa fil-kunsill preċedenti. Hija qalet li fil-passat meta kien għadu ma telax il-bini l-*parkings bays* f'din it-triq kienu jkunu vojta u mhux kollha kienu jintuzaw. Issa f'ċertu akwati ta' din it-triq peress li l-*parking bays* baqaw wiesgħa speċjalment fil-kantunieri dak li jkun ġej mit-triq biex idur ma jarax bil-karozzi pparkjati. Hija għalhekk qed tissuġġerrixi li biex issir din l-*isleeping policeman* l-ewwel jridu jitneħħew xi *parkings*. Pero mhux issa għax bħalissa peress li hemm triq Annibale Preca magħluqa dawn il-*parkings bays* kollha qed jintuzaw u ma jkunx għaqli li jitnaqsu.

14.9.12.3 Is-Sindku u l-kunsill qablu dwar dan pero dan l-ilment ser jitressaq darboħra fil-futur u alissa ma ttieħdietx deċiżjoni. Fuq nota oħra s-sindku ġibed l-attenzjoni li nqagħlet ir-*road hump* li hemm fi Triq il-kbira kif taqbeż l-ispiżerija, biex naturalment isir kuntatt mal-kuntrattur tat-tabelli biex jirranġaha malajr kemm jista jkun.

14.9.13.1 <u>Talba għal kaxxa safra fi Triq Sir Ugo Mifsud</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill ittra mingħand resident fejn dan qed jitlob kaxxa safra fi Triq Sir Ugo Mifsud. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat din l-ittra lis-Sindku u lil Kunsilliera.

14.9.13.2 Dwar din it-talba s-Sindku qal li l-kunsill diġa kien applika għal dan ir-resident biex jkollu *loading and unloading bay* u Transport Malta ma laqatx din it-talba. Issa dan ir-resident kellem lil xi ħadd fil-politika u wedgħu din il-kaxxa mqarr għal sagħtejn fil-ġurnata u għalhekk qalu biex jerġa jitkellem mas-sindku.

14.9.13.3 Is-Sindku qal li issa l-kunsill jerġa japplikalu u naraw x'se tkun ir-risposta tat-TM għal din id-darba. Is-Sindku qal li jekk issa din it-talba tkun approvatha jaf jinqala nkwiet ma' sid ta' ħanut ieħor li qiegħed fil-viċinanzi u ser ikun jrid kaxxa ukoll. Għalhekk tajjeb li meta l-kunsill l-applika fl-applikazzjoni jitniżżel li hemm ħanut ieħor fl-akwata ukoll.

14.9.13.4 Il-Kunsill qabel dwar dan.

14.9.14.1 <u>Talba għal mera fejn l-Ambaxxata Ġermaniża</u>
Rapreżentat li jieħu ħsieb l-ambaxxata għamel talba mas-sindku biex issir mera akbar flokk dik eżistenti li hemm viċin tal-faċċata tagħhom għall-użu personali tagħhom.

14.9.14.2 Is-sindku nforma lil kunsilliera li din it-talba hija diġa solvutha. Huwa tkellem ma' dan ir-rapreżentant u l-ambaxxata ġermaniża mill-finanzi tagħha stess ser tieħu ħsieb tibdel il-mera hi għal waħda akbar.

## 14.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti w spejjes oħra

14.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 06 li kienet tinkludi l-ammonti tal-*petty cash* ta' €75.85 għax-xahar ta' April.

14.10.2 Is-Sindku tkellem fuq pagament numru 16. Huwa fakkar lil kunsilliera li l-kunsill kien ħa deċiżjoni biex jingħalqu l-latrini pubbliċi biex titnaqqas it-tixtrida ta' COVID-19. Minkejja li dawn huma magħluqin il-kuntrattur tal-latrini xorta bgħat il-kont tas-soltu u qed jitlob li jitħallas xorta waħda. Is-Sindku qal li dan mhux ġust u talab għall-parir tal-avukat ħalli l-kunsill jara kif għandu jiproċedi f'din is-sitwazzjoni. Dan il-pagament xorta tniżżel għall-approvazzjoni pero qabel ma jkun hemm direttiva mingħand l-avukat dan il-pagament ser jinżamm il-kunsill u mhux ser jintbgħat lil kuntrattur.

14.10.3 Is-Sindku qal li pagamenti numri 28-32 huma kollha spejjes relatati mal-manutenzjoni li qed issir fil-ġnien u tkellem ukoll fuq pagament numru 33. Huwa spjega kif il-kunsill irċieva kont mingħand il-kappillan ta' żbir tas-siġar li sar fejn is-Salvatur il-qadim. Il-kappillan spjega kif l-iżbir ta' dawn is-siġar isir darba kultant u fil-passat din l-ispiża dejjem ħallasha l-kunsill. Is-Sindku spjega kif għal din id-darba l-kunsill ser iħallasu dan il-kont pero għal darba talab lil kappillan biex qabel ma jsir l-iżbir il-kunsill jingħata stima l-ewwel. Is-Sinjorina Farrugia ssuġġeriet biex jekk filkas darboħra dan l-iżbir isir mill-kuntrattur tal-kunsill u minkejja li din ser ikun qed issir bħala *extra cost* għax fit-tender mhux marbut li jsir l-iżbir fi Triq is-salvatur, almenu xorta tinġieb kwotazzjoni mingħandu forsi tkun irħas. Il-Kunsill qabel fuq dan.

14.10.4 L-iskeda ta' ħlasijiet kollha kienet proposta għall-approvazzjoni mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kienet ssekondata mis-sindku Anthony Dalli. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Naturalment peress

li l-laqgħa saret onlajn l-iskeda tal-pagamenti nkluż ir-rapport tal-*petty cash* ma setgħux jiġu ffirmati mill-ewwel waqt li qed issir is-seduta. Kif ittaffi s-sitwazzjoni preżenti ta' COVID-19, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jieħdu ħsieb li dawn jiġu ffirmati. Barra minnhekk is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għadha magħluqha u s-sitwazzjoni ta' COVID-19 għadha waħda mhux stabbli, ċ-ċekk tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku biex b'hekk isarfu personali f'ismu u umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 14.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

14.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill kif riċentament ma kienx hemm applikazzjonijiet ġodda alarmanti. Jidher li l-unika żvilupp żgħir li kien hemm kien li ġew sottomessi xi fresh plans fuq applikazzjoni nru PA 02322/20 – 8, Triq Merino. Ser isir anke onlajn meeting dwar dan il-PA nhar il-Ħamis 21 ta' Mejju fl-10:00am li għalih rreġistraw l-attendenza tagħhom is-Sindku u s-Sinjorina Lorraine Farrugia.

## 14.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

14.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-sindku staqsa lil kunsilliera jekk jixtiequx iżiedu xi ħaġa oħra.

14.12.2.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia tkelmet fejn qalet li kif kien ġie deċiż fis-seduta preċedenti hija għamlet kuntatt mat-TCTC biex tara x'korsijiet qiegħdin joffru onlajn. Bħalissa l-korsijiet li hemm offruti onlajn huma biss tal-ECDL b'xejn pero s-Sur Ray Abela fl-aħħar tax-xahar għandu jtiha aktar informazzjoni bi ismijiet ta' korsijiet oħra li huma ser ikunu qiegħdin joffru. Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qalet li jkun tajjeb jekk alissa l-kunsill japplika għall-korsijiet tal-ECDL li xorta huma b'xejn.

14.12.2.2 Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni ta' dan u nfatti s-Sinjorina Lorraine Farrugia ser terġa tikteb lis-sur Abela tat-TCTC b'din l-aħbar. Hija ser tiktiblu li l-kunsill huwa interessat japplika għall-korsijiet offruti tal-ECDL u biex anke tfakru jibgħatilha l-informazzjoni dwar il-korsijiet l-oħra u tistaqsih jekk dawn mhux b'xejn jew le. Hawnhekk is-Sindku enfasizza li kull tip ta' nformazzjoni jew korrispondenza għandha tintbgħat dejjem għall-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv fuq l-imejl ġeneriku tal-kunsill.

14.12.3.1 Is-Sinjorina Farrugia tkelmet ukoll fuq l-imejl li ġiet mibgħutha lil kunsill mingħand Reġjun Ċenteu dwar l-inizjattivita tat-Teatru Gallarija. Hija qalet li peress li waħda mid-delegi tagħha hija relatata mal-kultura hija tixtieq li l-kunsill jissieħeb f'din l-attivita għaliex dan l-aħħar minħabba il-COVID-19 attivitajiet kulturali mill-inqas saru. Hija qalet li din hija opportunita għal Kunsill li titħallas is-somma ta' 750 euro u jsiru seba' rappreżentazzjonijiet ta' kwarta kull wieħed fi diversi toroq u żoni fi Ħal Lija fejn in-nies jistgħu jgawdu minn spettaklu żgħir mill-kumdita tal-gallarija tagħhom.

14.12.3.2 Is-Sindku qal li xi ħaġa simili bħal din l-attivita diġa saret fiż-żona tal-Housing estate fejn itellat serata ta' mużika u entertainment bl-għajnuna ta' wieħed mill-Kunsilliera stess, Joseph Zahra. Hawnhekk is-sindku reġgħa nfatti rringrazzja lis-sur Zahra tal-kontribut tiegħu li huwa ta b'xejn. Is-Sindku qal li l-kunsill jrid jibża għal finanzi u ma jsibx oġġezzjoni jekk issir rexta waħda biss bil-prezz ta' 50 euro pero s-somma ta' 750 euro hija kbira wisq u l-kunsill jrid jikkunsidra li somm bħal din aħjar tintefaq fi xi ħaġa oħra għar-raħal bħal eżempju xiri ta' tabelli tat-traffiku li huma aktar ta' bżonn.

14.12.3.3 Is-Sur Cini ta appoġġ lis-Sindku u jaqbel li 750 euro hija somma kbira u jkun aktar għaqli jekk tiġi utilizzata fuq bżonnijiet oħra li għandu r-raħal.

14.12.3.4 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia baqgħet tinsisti fuq ix-xewqa li l-kunsill jinkiteb għal din l-inizjattiva u s-sindku qal li huwa ser ikellem lir-Reġjun Ċentru u jara jekk ir-Reġjun jistax ikun *sponser* ta' din l-attivita u jgħin lil kunsill bil-finanzi. Jekk dan ma jkunx possibbli huwa qal li jekk filkas l-kunsill jerġa jitkellem fuq din l-inizjattiva u jiġi kkunsidrat li forsi jsiru sa massimu ta' żewġ rexti.

14.12.4.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia qed tissuġġerrixi li l-kunsill jieħu l-inizjattivita kif għamlu kunsilli lokali oħra li jitqasmu maskli ta' protezzjoni kontra COVID-19 madwar ir-raħal kollu.

14.12.4.2 Is-Sindku wieġeb li huwa ser jiprova jġib sponser mingħand kuntrattur li jġib dawn il-maskli. Huwa qal li l-problema hija kif dawn ser jitqasmu għax huwa mhu ser jobbliga lil ħadd jagħmel it-tqassim ta' dawn il-maskli minħabba raġunijiet ovja tas-saħħa. Huwa lanqas ma jrid joħroġ lil anzjani minn ġo darhom minħabba li dawn jaf huma vulnerabbli. Is-Sindku qal li ser ikompli jaħseb dwar dan il-punt u jara x'jista jsir.

14.12.5.1 Is-Sinjorina Lorraine Farrugia ressqet ukoll is-suġġeriment li fejn hemm U-Bars li huma vojta fir-raħal u m'għandhomx riklami mweħlin magħhom, il-kunsill jista jikkunsidra jweħħel riklami hu b'informazzjoni tal-iskeda tal-ġbir tal-iskart. Hija qalet li l-kunsill jista jagħmel kuntatt ma' Greenpak jew Wasteserv dwar dan fejn jitlob għall-għajnuna tagħhom u jistaqsi jekk jistgħux jkunu ta' appoġġ billi jisponsorjaw lil kunsill bi pjanci bi *stickers* fuqhom ta' kif jinġabar l-iskart fi Ħal Lija.

14.12.5.2 Is-Sindku qal li dan huwa suġġeriment tajjeb u l-kunsill qabel li għandu jsir kuntatt ma' Greenpak u wasteserv dwar dan.

14.12.6 Il-laqgħa ntemmet fil-5:35pm.

14.12.7 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta 16 ta' Ġunju 2020 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa terġa ssir onlajn fl-4:00pm.

Konfermati, illum it-Tlieta 16 ta' Ġunju 2020.

| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
|---|---|
| Anthony Dalli<br>Sindku | Pamela Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |